MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 735/2005

**Anthony u Therese konjugi Mallia**

**vs**

**Armstrong Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu, 2005 fejn intalab illi s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800.00) rapprezentanti valur ta' hsarat u danni li gew ikkawzati fil-bieb ta' barra tar-residenza tal-atturi minhabba xoghol hazing, negligenti u kontra s-sengha u l-arti esegwit mill-konvenut prevja okkorrendo dikjarazzjoni opportune ta' responsabilita` u kwindi kundanna ghal hlas tal-ammont kif mitlub jew kwalsijasi soma ohra verjuri li jista' jirrizultalhu dan it-Tribunal.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-21 ta' April, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol in kwistjoni sar skond l-arti u s-sengha u ma gew ikkawzati l'ebda hsarat u danni lill-istess atturi.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Theresa Mallia, Alan Mallia, Gordon Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda Danni li allegatament graw f'bieb ta' barra meta dan ittiehed biex jitqaxxar u jigi lustrat mill-gdid.**
**2. Jirrizulta li l-biex originarjament kien ittiehed mill-konvenuti filghodu u rega tpogga fil-ghaxija ta' l-istess jum. Jirrizulta li meta tpogga, l-attrici ilmentat li kien matt. Jirrizulta li sussegwentement il-konvenuti regghu hadu l-bieb ghall-gurnata, u gabuh ileqq.**
**3. Jirrizulta li merta rega twahhal f'postu dehru xquq, tant li dahal l-ilma minnu. L-attrici ghalhekk qed titlob prezz ta' bieb gdid.**
**4. Saret allegazzjoni li intuzat certa kimika fuq il-bieb. Fil-fatt li ntuza kien "paint remover" il-bieb kien thalla ghall tletin minuta f'banju ta' paint remover gel. Gie nnutat li minhabba li jintuza gel l-bieb ma jixxarrabx. Dana sar sabiex jitnehha l-lostru li kien sarlu u jitqieghed lostru gdid.**
**5. Mil-fatti it-Tribunal hu soddisfatt li x-xoghol ma sarx sew, tant li kien hemm diversi xquq fil-bieb, tant li l-istess konvenut baghat nies biex ipoggu rubber madwar il-bieb biex jissiggillwah, ghalkemm wiehed irid izomm dan fil-perspettiva ta' dak li qed jghid il-konvenut lid an sar sabiex izommu lill-klijenta kuntenta.**
**6. Ma hemmx prova dwar kemm kien jiswa dan il-bieb. Pero` hemm prova li thallsu mija u disghin lira ghat-tiswija tieghu u ta' tieqa. It-Tribunal ghalhekk**

**qed jilqa biss it-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u disghin lira Maltija.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00), u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00).**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------